

Brussell, 28 ta' Frar 2017
(OR. en)

6766/17

AGRI 95
AGRIORG 23
AGRILEG 52
AGRISTR 19

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Suġġett:	Il-PAK wara l-2020 - Skambju ta' fehmiet

1. Bil-ħsieb tad-diskussjoni tal-Kunsill AGRIFISH ta' Marzu dwar il-futur tal-PAK, il-Presidenza identifikat għadd ta' prijoritajiet li għandhom iservu biex jiggwidaw id-diskussjoni dwar il-politika futura.
2. Din id-diskussjoni qed isseħħ fi żmien importanti ħafna u ssegwi t-tnedija tal-konsultazzjoni pubblika dwar "Il-Modernizzazzjoni u s-Simplifikazzjoni tal-PAK" (ara WK 1185/17). B'kont meħud ta' dan, id-diskussjonijiet dwar il-futur tal-PAK diġà bdew u saru għadd ta' dibattiti f'dawn l-aħħar xhur bħal-Laqgħa Informali tal-Ministri għall-Agrikoltura f'Amsterdam (NL), il-laqgħa tal-Ministri għall-Agrikoltura f'Chambord (FR), il-Kunsill AGRIFISH ta' Novembru 2016, il-Konferenza Ewropea Cork 2.0 dwar l-Iżvilupp Rurali f'Novembru 2016, diversi dibattiti fil-Parlament Ewropew li wasslu għal rapporti fuq Inizjattiva Proprija, u t-Task Force tas-Suq Agrikolu (AMTF) u r-rapport tagħha fl-2016, biex insemmu biss xi wħud.

3. Minkejja r-rilevanza tal-obiettivi kif stabbiliti fit-TFUE u mingħajr preġudizzju għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, jistgħu jiġu identifikati diversi prijoritajiet addizzjonali. Abbażi ta' dawn il-prijoritajiet, hemm il-ħtieġa li jinżamm baġit adegwat għall-PAK futura, filwaqt li tiġi żgurata konsistenza ma' politiki oħra tal-UE, kif ukoll li tinkiseb **simplifikazzjoni**. Bħala prijorità trasversali, is-simplifikazzjoni għandha tibqa' prinċipju ġenerali għall-PAK futura, mhux biss fil-livell tal-leġislazzjoni, iżda wkoll f'termini tal-implimentazzjoni u l-kontroll, kif innotat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2015 (dok. 8485/15).
4. B'mod partikolari, il-prijoritajiet li ġejjin jirriżultaw minn diskussjonijiet reċenti (xi wħud mill-eżempji mogħtija hawn taħt jistgħu jaqgħu taħt aktar minn intestatura waħda) u mhuma qegħdin fl-ebda ordni ta' importanza:
- i. **Tisħiħ tar-reżiljenza:** dan jinkludi kwistjonijiet bħall-ġestjoni tar-riskji, kemm rigward ir-riskji tal-klima, kif ukoll rigward ir-riskji tas-saħħa u dawk sanitarji, l-aċċess għal kapital u strumenti finanzjarji, l-appoġġ għall-introjt, il-volatilità tal-introjt/tal-prezzijiet, it-titjib tal-kompetittività, l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni, l-ġhoti ta' appoġġ adattat għal żoni inqas vantaġġati, l-indirizzar tas-sigurtà tal-ikel, il-ħtiġijiet speċifiċi tal-azjendi agrikoli tal-familji u tal-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, u fl-aħħar nett, is-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi.
 - ii. **Reazzjoni għall-isfidi ambjentali:** permezz ta' żieda fis-sostenibbiltà tal-agrikoltura, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, billi jiġu pprovduti beni pubbliċi ambjentali, jiġu ssodisfati l-impenji internazzjonali, kemm rigward il-klima skont il-COP 21 tal-UNFCCC kif ukoll fir-rigward tal-miri usa' taħt l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli;
 - iii. **Investiment fil-vijabbiltà u l-vitalità rurali:** permezz ta' titjib fil-ħolqien tal-impjiegi u appoġġ għall-ġhoti ta' servizzi f'żoni rurali, titjib fil-governanza rurali, appoġġ għad-diversifikazzjoni tal-agrikoltura u ta' attivitajiet relatati fil-kuntest usa', kif ukoll permezz tal-isfruttament sħiħ tal-multifunzjonalità tal-agrikoltura;

- iv. **Żgurar ta' tiġdid ġenerazzjonali:** billi jiġu ffaċilitati l-aċċess għal finanzjament u għall-art, it-trasferiment ta' għarfien, it-taħriġ vokazzjonali, kif ukoll billi jitnaqqsu l-ostakli amministrattivi;
- v. **Tinżamm orjentazzjoni lejn is-suq:** billi jiġu koperti kwistjonijiet bħat-trawwim tal-kompetizzjoni, il-kontribut għal agrikoltura vijabbli, billi jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn il-ftuħ ta' swieq ġodda, il-protezzjoni ta' setturi sensittivi u l-preservazzjoni tal-istandards għolja tal-UE, filwaqt li tittejjeb il-kompetittività tal-esportazzjonijiet;
- vi. **Tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa:** permezz tal-indirizzar tat-trasparenza, tar-relazzjonijiet kuntrattwali, u ta' prattiki kummerċjali żleali, permezz tal-promozzjoni ta' kooperazzjoni bejn il-bdiewa, billi wieħed jikkunsidra l-provvista tal-ikel minn perspettiva usa' u olistika, permezz tas-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi, u billi wieħed jibni fuq ir-rapport tal-AMTF kif ukoll fuq il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2016 (dok. 15508/16) għal dak l-għan;

5. Fil-Kunsill AGRIFISH tas-6 ta' Marzu, il-Presidenza tixtieq li l-Ministri jaqsmu l-ideat tagħhom dwar kif dawn il-prijoritajiet jistgħu jiġu indirizzati, permezz ta' għażliet ta' politika konkreti. Għal dak l-għan l-iskambju ta' fehmiet ser ikun strutturat fuq il-bażi taż-żewġ mistoqsijiet li ġejjin:

- *Fil-fehma tiegħek, x'ikun l-aktar mod effettiv biex jiġu indirizzati dawn il-prijoritajiet?*
- *Mingħajr preġudizzju għall-finanzjament ġenerali tal-PAK, taħseb li għandu jsir eżerċizzju ta' bilanċjar mill-ġdid bejn l-ewwel u t-tieni pilastru tal-PAK sabiex jinkisbu dawn il-prijoritajiet?*

Meta jwieġbu dawn il-mistoqsijiet id-Delegazzjonijiet jistgħu jkunu jixtiequ jqisu d-diversi rakkomandazzjonijiet li diġà ġew ippreżentati bl-għan li jiġu indirizzati dawn il-prijoritajiet, pereżempju ir-rapport tal-AMTF, il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2015 u tal-2016, u d-Dikjarazzjoni ta' Cork 2.0.